MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
IAN FARRUGIA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2014

Numru 720/2013

**Il-Pulizija
(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Kersten Borg**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputat Kersten Borg, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 123492(M), bin Vincent u Carmen nee' Azzopardi imwieled fit-28/02/1992 u li joqghod Villa Shaddai, Triq l-Isfar, M'Scala, gie akkuzat talli fit-22/07/2012, ghall-habta tat-21:01hrs gewwa Hamrun ByPass (Near Pepsi Bridge), Hamrun :

(1) Soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBS-135, b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza;

(2) U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Kirsten Portelli skond kif iccertifika Dr. Mark Abela M.D. Reg. 5318 mill-M.D.H.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Rat li, fl-ewwel udjenza, dik ta' l-4 ta' Frar 2014, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Rat l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur u lill-imputat.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor, u li rrizultaw sodisfacentement quddiem din il-Qorti, li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti :

Illi dak inhar ta` l-incident l-imputat kien is-sewwieq ta` van u mieghu kellu zewg passiggieri ohra hbieb tieghu. Flimkien ma grupp iehor ta` hbieb fejn kien hemm ukoll Kirsten Portelli, ftehemu li jmorru minn Haz Zebbug ghall-

Imsida u ftehemu li jsuqu wara xulxin. Meta kienu wara xulxin fi trejqa sabiex johorgu ghal fuq il-*by-pass*, Kirsten Portelli, li kien qed isuq il-vettura ABG239, kien ser jaqla biex johrog ghal fuq il-*by-pass*, izda dan ma ghamlux peress illi ra li kienet gejja karozza ohra. Dak il-hin ezatt, filwaqt li l-imputat haseb li Kirsten Portelli kien ser isuq ghal fuq il-*by-pass*, saq il-van il-quddiem bil-kosegwenza li laqat il-vettura ta` Kirsten Portelli. Kirsten Portelli sofra "*lacerocontused wound just above the right eyebrow (lateral aspect)*". Sussegwenti ghal dan l-incident, l-imputat tressaq il-Qorti biex jirrispondi ghall-imputazzjonijiet dedotti.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. illi <u>mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien hemm traskuragni jew perikolozita` fl-estrem taghhom</u> izda l-Qorti hija tal-fehema li kien hemm nuqqas ta` hsieb u attenzjoni minn naha ta` l-imputat li kien il-kagun ta` dan l-incident;

b. id-deposizzjonijiet ta` Kirsten Portelli u ta` Christabel Spiteri u in partikolari l-fatt li dawn il-persuni huma lkoll hbieb ta` l-imputat, li dan kien incident sfortunat u li civilment ma kien ghad fadal ebda pendenza stante li l-kwistjoni giet rizolta minn naha tas-socjetajiet assikuratrici;

c. il-fatt mhux ta` ftit importanza li l-imputat ser jimbarka fuq xoghol volontarju barra l-pajjiz;

d. l-ammissjoni ta` Kersten Borg fl-ewwel udjenza, li trid titqies minn din il-Qorti bhala ammissjoni bikrija li, ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;

e. il-fatt li, minn kif irrizultaw il-provi, il-prosekuzzjoni ma insistietx fuq l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 u l-Artikoli 226(1)(a) u 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lil Kersten Borg hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta` multa fis-somma komplessiva ta` tlett mitt Euro (€300).

Il-Qorti tordna li l-atti kollha ta’ dan il-procediment u kopja ta’ din is-Sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------